

## II

(Atti mhux leġislattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/404/PESK

tal-14 ta' Ġunju 2010

dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-"TUE"), b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu, u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-"TFUE"), b'mod partikolari l-Artikolu 218(5) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-laqgħa tiegħu fid-9 ta' Ġunju 2008, il-Kunsill iddeċieda li jawtorizza lill-Presidenza biex tiftaħ negozjati, skont dak li kien l-Artikolu 24 tat-TUE, mal-Prinċipat tal-Liechtenstein sabiex jiġi konkluż ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni.
- (2) Wara dik l-awtorizzazzjoni, il-Presidenza nnegozjat ftehim mal-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata.
- (3) Dan il-ftehim għandu jiġi approvat,

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata b'dan huwa approvat fisem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill b'dan huwa awtorizzat li jinnomina il-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim sabiex jorbot lill-Unjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-14 ta' Ġunju 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON